# PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN

**AVVIŻI** **15 TA' APRIL 2018**

**Bi tħejjija għal Jum il-Vokazzjonijiet**

Illum is-Sibt 14 ta' April 2018 fis-6.30pm quddiesa fil-Knisja Parrokkjali mmexxija minn Dun Charlon Muscat, id-Direttur taċ-Ċentru tal-Vokazzjonijiet bis-sehem tas-Seminaristi.

**Adorazzjoni għall-Qdusija tas-Saċerdoti**

Illum is-Sibt 14 ta' April 2018 fil-Knisja Parrokkjali tal-Immakulata Kunċizzjoni, Ħamrun fid-9:00pm tibda quddiesa u wara adorazzjoni għall-qdusija tas-saċerdoti sal-11:00pm.

**It-Tieni Laqgħa dwar it-Talb**

Għada l-Ħadd 15 ta' April 2018 fl-4:00pm nistedinkom sabiex ningħaqdu flimkien fis-Sala Sant'Anna għat-tieni laqgħa dwar it-talb. Il-kelliema tal-laqgħa huma Fr Charlò Camilleri O.Carm u Karl Frendo Cumbo. Il-laqgħa tintemm fil-5:30pm. Inħeġġu lil kulħadd sabiex jattendi.

**Tberik tal-Familji**

It-Tnejn 2 ta' April 2018 inkomplu t-tberik tal-familji. Hija okkażżjoni li s-saċerdot jitlob flimkien mal-membri tal-familja għall-barka u għall-paċi ta' Kristu Rxoxt. It-tberik jibda fl-4:30pm.

**It-Tnejn 16 ta' April 2018**
Triq is-Siberja, Triq il-Grigal, Aragon Court, Triq ix-Xehda u Triq il-Melħ
**It-Tlieta 17 ta' April 2018**
Triq il-Katakombi, Triq de Rohan, Triq Wignacourt u Triq Dawret-Torri
**L-Erbgħa 18 ta' April 2018**
Triq Likama, Triq Ridott, Triq Thomas Ashby, Triq Philippe de Vendome u Triq is-Sikka
**Il-Ġimgħa 20 ta' April 2018**
Triq il-Miġbħa, Triq il-Maqsab, Trq San Franġisk u Triq il-Kannizzata

***Coffee Morning***

Il-Ħamis 19 ta' April 2018 fid-9.30am ser norganizzaw *Coffee Morning* fis-Sala Sant'Anna. Biljetti mis-Sagristija jew mill-Uffiċċju Parrokkjali.

**Ordinazzjoni tad-Djakonat ta' Matthew Pulis**

Il-Ħamis 19 ta' April 2018 bi tħejjija għall-Ordinazzjoni tad-Djakonat tas-Seminarista Matthew Pulis li qed jagħti s-servizz tiegħu fil-Parroċċa tagħna, fis-7.00pm ser issir Quddiesa u Velja ta' Talb fis-Seminarju tal-Arċisqof ir-Rabat. Bħala Parroċċa ser norganizzaw trasport li jitlaq minn quddiem is-Sala Sant'Anna fis-5.45pm. Jekk jogħġobkom iktbu isimkom fis-sagristija sa nhar it-Tlieta 17 ta' April 2018.

Is-Sibt 21 ta' April 2018 fis-7:15pm adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija bi tħejjija għall-Ordinazzjoni tad-djakonat ta' Matthew Pulis u sħabu u wara quddiesa fit-8.00pm. Inħeġġukom sabiex tattendu.

**Il-Ħadd 22 ta' April 2018 – Jum il-Vokazzjonijiet u Jum l-Ordinazzjoni tad-Djakonat ta' Matthew Pulis u sħabu.**

Fid-9.00am flimkien mal-Knisja f'Malta nifirħu ma' erba' żgħażagħ li ser jiġu ordnati djakni fil-Katidral tal-Imdina. Bħala Parroċċa ser norganizzaw trasport li jitlaq minn quddiem is-Sala Sant'Anna fis-7.30am. Jekk jogħġobkom iktbu isimkom fis-sagristija sa nhar il-Ħamis 19 ta' April 2018.

***Afternoon Tea* fis-Sala Sant'Anna**

Il-Ħadd 22 ta' April 2018 fit-3:00pm fis-Sala Sant'Anna jibda *Afternoon Tea*.

**Adorazzjoni tal-Ħniena Divina**

It-Tnejn 23 ta' April 2018 wara l-quddiesa tas-6:30pm jkollna l-Adorazzjoni tal-Ħniena Divina.